# Linji Gwida għar-Rappreżentanza tas-Sessi fil-Programmi ta' Diskussjoni

ba-malta.org



Rappreżentazzjoni aktar ġusta għaliex wara kollox iż-żewġ sessi huma milqutin minn temi ta' ġrajjiet kurrenti, iż-żewġ sessi huma affettwati minn deċiżjonijiet li jittieħdu f'kull qasam tal-ħajja, sew jekk politiku u sew jekk mhuwiex, iż-żewġ sessi jistgħu jgħidu tagħhom f'dak kollu li qed jiġri f'Malta u lil hinn minn xtutna u allura dan irid ikun rifless fuq il-programmi televiżivi.

**Dr Joanna Spiteri**, Kap Eżekuttiv

*Settembru 2020 waqt it-tnedija tal-istudju li sar mill-Awtorità tax-Xandir*

# Messaġġ miċ-Chairman tal-Awtorità tax-Xandir

FRANK V. FARRUGIA

Il-funzjoni tal-Awtorità tax-Xandir ma tiqafx biss mar-regoli u mal-leġiżlazzjoni li timplimenta fix-xandir, iżda wkoll minn żmien għal żmien toffri gwida u informazzjoni dwar l-interpretazzjoni ta' ċerti provvedimenti fix-xandir. Hekk ġara dwar il-linji gwida dwar ir-rappreżentazzjoni tal-ġeneru. Fil-fatt il-ħtieġa li x-xandir ikun qed jirrappreżenta l-ġeneri b'mod bilanċjat kien ukoll wieħed mill-punti li ssemmew meta l-Awtorità fl-2019 kienet qed tħejji rapport ta' analiżi dwar il-kwalità fix-xandir. In-nuqqas ta' rappreżentazzjoni ugwali u ġusta bejn il-ġeneri huwa wieħed mill-elementi li jnaqqsu l-kwalità u mhux biss imma ma jirriflettux dak li jeżisti fis-soċjetà Maltija. In-nuqqas ta' bilanċ bejn ir-rappreżentazzjoni tal-ġeneri wkoll iħalli opinjonijiet, ħsibijiet u informazzjoni barra jew nieqsa saħansitra fi programmi ta' diskussjoni jew programmi ta' ġrajjiet kurrenti.

Għaldaqstant l-Awtorità ħasbet biex jitfasslu linji gwida dwar ir-rappreżentazzjoni bejn il-ġeneri fi programmi ta' diskussjoni u dibattiti. B'dan il-mod kien qed jiżżewweġ dak li kien qed jinħass bħala nuqqas fix-xandir imma wkoll rat li kien hemm ukoll rieda politika biex ikun hemm bilanċ bejn ir-rappreżentazzjoni iktar wiesgħa tal-ġeneru. Għal dan il-għan l-Awtorità xammret il-kmiem u għamlet analiżi u ġbir ta' informazzjoni dwar dak li kien qed jixxandar fuq l-istazzjonijiet lokali biex jittieħed ritratt ta' dak li kien qed jiġri fil-programmi ta' diskussjoni u ġrajjiet kurrenti u tara kif se tkun qed tiffoka l-linji gwida dwar ir-rappreżentazzjoni tal-ġeneru. Wara li l-Awtorità kellha f'idejha dawn iċ-ċifri, permezz tal-Kap Eżekuttiv, Dr Joanna Spiteri, beda x-xogħol minn kumitat żgħir biex jiġi studjat dan is-suġġett. Infakkar li l-Awtorità tax-Xandir kienet diġà fasslet linji gwida dwar ir-rappreżentazzjoni tal-ġeneru fix-xandir fl-2006, iżda dan l-eżerċizzju li qed jiġi ppreżentat hawnhekk, huwa aktar iffukat fuq ġeneru partikolari, liema ġeneru huwa ferm popolari mal-udjenza Maltija. Il-kumitat li kien immexxi minn Dr Spiteri u magħmul

> KONVINT LI DAWN IL-LINJI GWIDA SE JGĦINU LIS-SETTUR U JIFFAĊILITA X-XOGĦOL TAL-ĠURNALISTI, PREŻENTATURI U PRODOTTURI BIEX MHUX BISS IKUNU KONXJI MIR-RAPPREŻENTAZZJONI TAL-ĠENERU FIX-XANDIR IMMA JAGĦTU FERM IKTAR IMPORTANZA LI JKUN HEMM DIN IL-PREŻENTAZZJONI ĠUSTA BEJN IŻ-ŻEWĠ SESSI.

minn Dr Joanne Muscat, is-Sur Adriel Vella għall-Awtorità tax-Xandir u s-Sur Andrè Callus, uffiċjal fi ħdan l-NCPE taħt il-gwida tal-Kummissarju tal-NCPE, is-Sinjura Renee Laiviera, ħadmu qatigħ biex fi ftit xhur tfasslu dawn il-linji gwida tant meħtieġa. Dawn il-linji gwida bdew b'sezzjoni dwar definizzjonijiet, format tal-programmi u l-proċess ta' produzzjoni. Element essenzjali f'dawn il-linji gwida hija ċ-ċekkjatura (check list) għall-produtturi biex twassal għal riżultat bilanċjat mil-lat ta' ġeneru. Konvint li dawn il-linji gwida se jgħinu lis-settur u jiffaċilita x-xogħol tal-ġurnalisti, preżentaturi u prodotturi biex mhux biss ikunu konxji mir-rappreżentazzjoni tal-ġeneru fix-xandir imma jagħtu ferm iktar importanza li jkun hemm din il-preżentazzjoni ġusta bejn iż-żewġ sessi.

Dan il-proġett żgur li se jkun ħolqa oħra fil-kullana biex titjieb il-kwalità fix-xandir imma wkoll l-Awtorità qed tkun minn ta' quddiem biex jibda jkun hemm tibdil fil-kultura Maltija u li x-xandir ikun riflessjoni tas-soċjetà Maltija. Nittama biss li kull min huwa nvolut fix-xandir, l-aktar dawk li jaħdmu fi programmi ta' diskussjoni jagħrfu l-importanza ta' dawn il-linji gwida li permezz tagħhom se jkollhom prodott ta' kwalità aħjar u kontenut aktar ġust li jirrifletti l-parteċipazzjoni tal-ġeneri differenti.



# Introduzzjoni

Il-mezzi tal-midja qegħdin f'pożizzjoni tajba biex isawru u jinfluwenzaw il-perċezzjonijiet, l-ideat u l-imġiba l-iżjed mifruxa tas-soċjetà. Hu nnutat li fix-xandiriet għadhom jippersistu diskrepanzi xokkanti bejn il-ġeneri għax, ġeneralment, dawn jitfasslu fuq il-premessa li t-telespettaturi, is-semmiegħa, jew is-segwaċi huma lkoll l-istess. Fir-realtà, is-soċjetà hija diversa u, għalhekk, il-programmi għandhom jappellaw għall-aspettattivi differenti u l-ħtiġijiet varjati tal-parteċipanti u l-udjenzi tagħhom. Għaldaqstant huma obbligati juru spettru reali billi jirrappreżentaw il-ġeneri b'mod ġust.

Dawn il-linji gwida ġew żviluppati fil-kuntest tal-proposta fil-manifest tal-2017 biex *"jiddaħħlu linji gwida sabiex f'dibattiti televiżivi kemm jista' jkun u fejn hu possibbli, jintlaħaq bilanċ ta' rappreżentazzjoni taż-żewġ sessi"*, u jaqblu wkoll ma' Ċirkulari 15 tal-OPM tal-2012, Gender Mainstreaming in Practice, li tirrikjedi li l-amministrazzjoni pubblika taddotta metodu proattiv fl-identifikar ta' dawk l-oqsma fejn jista' jkun hemm xi inugwaljanza, li tassessja r-raġunijiet għal dawn l-inugwaljanzi, u li jittieħdu l-passi meħtieġa biex dan jinbidel.

Dawn il-linji gwida huma mmirati għall-fornituri u l-partijiet interessati fis-servizzi tal-midja li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Awtorità tax-Xandir bl-intenzjoni li jqajmu l-kuxjenza u joffru l-għajnuna ħalli jitnaqqsu d-diskrepanzi fir-rappreżentanza bejn is-sessi fil-programmi ta' diskussjoni. Dawn id-differenzi murija fil-mezzi tal-midja għandhom jiġu indirizzati biex jirriflettu r-realtà tas-soċjetà Maltija u għalhekk dan il-pass lejn id-direzzjoni t-tajba jrid isir biex ikollna preżenza ġusta tan-nisa u l-irġiel li tkun tirrifletti l-kompożizzjoni tas-soċjetà, l-esperjenzi umani, l-azzjonijiet, il-fehmiet u t-tħassib tagħhom, mhux biss fuq l-iskrin iżda lil hinn minnu wkoll. Il-produtturi tal-mezzi tal-midja għandhom ir-responsabbiltà li jipprovdu kontenut li, kemm jista' jkun, jirrappreżenta l-ġeneri b'mod bilanċjat. Dan japplika għall-mezzi tal-midja u l-ġeneri kollha tal-programmi, imma dawn il-linji gwida jiffukaw prinċipalment fuq il-programmi ta' diskussjoni.

Dawn il-linji gwida huma mmirati għall-managers tal-programmi, għall-produtturi, għall-preżentaturi, għall-ġurnalisti, u għal dawk kollha involuti fil-kontenut tal-midja.

Il-Linji Gwida jinqasmu f'erba' partijiet:

- **Id-Definizzjoni tal-Kliem Ewlieni**: il-programmi ta' diskussjoni; il-ġeneru, l-ugwaljanza tal-ġeneru, l-isterjotipi tal-ġeneru, il-lingwa diskriminatorja u l-lingwa inklużiva għall-ġeneru;
- **Il-Format tal-Programmi**: ir-rwol li għandhom il-programmi biex isaħħu l-ugwaljanza ta' bejn l-irġiel u n-nisa bil-format tagħhom;
- **Il-Proċess tal-Produzzjoni u ċ-Ċekkjatura (checklist)**: l-istadji differenti tal-produzzjoni u l-modi varji li bihom tista' tiġi indirizzata/integrata l-perspettiva tal-ġeneru f'kull stadju tal-proċess tal-produzzjoni permezz taċ-ċekkjatura (checklist) pprovduta;
- **L-Immaniġġjar**: ir-rwol tal-ġeneru fi ħdan l-istruttura maniġerjali tal-fornitur tas-servizzi tal-midja.

# Id-Definizzjoni tal-Kliem Ewlieni

**Programm ta' diskussjoni**
Programm ta' diskussjoni għandu format li jressaq suġġett jew suġġetti għad-diskussjoni/analiżi, ħafna drabi permezz ta' kelliema/mistednin fil-programm. Dan jista' jkun programm tar-radju, tat-televiżjoni jew elettroniku (online), u matulu jiġu diskussi suġġetti varji. L-għan tal-programm ta' diskussjoni hu li jinforma lill-udjenza dwar suġġett partikolari jew li jippreżenta l-opinjonijiet tan-nies li jipparteċipaw fid-diskussjoni. Is-suġġetti jistgħu jvarjaw minn ġrajjiet kurrenti, kontroversji politiċi u industrijali, sa suġġetti ħfief u, xi drabi, divertenti. Il-programmi ta' diskussjoni jixbhu ħafna l-intervisti imma għandhom it-tendenza li jkunu inqas strutturati. Il-programmi ta' diskussjoni jistgħu jew isiru fl-istudio inkella f'xi post partikolari. Dawn il-programmi jistgħu jinvolvu wkoll lill-udjenza b'modi differenti ta' preżentazzjoni u interattività.

**Ġeneru**
Il-ġeneru jirreferi għall-attributi soċjali u l-opportunitajiet assoċjati mal-irġiel u n-nisa, għar-relazzjonijiet ta' bejn is-subien u l-bniet, in-nisa u l-irġiel, kif ukoll għar-relazzjonijiet ta' bejn in-nisa u ta' fost l-irġiel, u huwa parti minn kuntest soċjokulturali usa'. Dawn l-attributi, l-opportunitajiet u r-relazzjonijiet jinħolqu u jitrawmu mis-soċjetà fil-proċessi tas-soċjalizzazzjoni. Huma speċifiċi għall-kuntest/ħin u jistgħu jinbidlu. Il-ġeneru jiddetermina dak li huwa mistenni, permess u stmat f'mara jew f'raġel f'kuntest partikolari.

**Ugwaljanza tal-ġeneru**
L-ugwaljanza tal-ġeneru tirreferi għad-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-opportunitajiet indaqs tas-subien u l-bniet u tan-nisa u l-irġiel. L-ugwaljanza tal-ġeneru timplika li għandhom jitqiesu l-interessi, il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tan-nisa u tal-irġiel, u li għandha tkun magħrufa wkoll id-diversità ta' gruppi differenti ta' nisa u rġiel. L-ugwaljanza tal-ġeneru mhix kwistjoni tan-nisa biss imma għandha tikkonċerna u tinvolvi bis-sħiħ lill-irġiel kif ukoll lin-nisa.

**Sterjotipi tal-ġeneru**
L-isterjotipi tal-ġeneru huma ideat stabbiliti li jassenjaw lill-irġiel u n-nisa karatteristiċi u rwoli determinati u limitati mis-sess tagħhom b'mod arbitrarju. L-isterjotipi tal-ġeneru jistgħu jillimitaw l-iżvilupp tat-talenti naturali u l-ħiliet tas-subien u l-bniet, tan-nisa u l-irġiel, l-esperjenzi edukattivi u professjonali tagħhom u l-opportunitajiet tal-ħajja b'mod ġenerali. L-isterjotipi dwar in-nisa mhumiex biss ir-riżultat ta' attitudnijiet storiċi, valuri, normi u preġudizzji profondi kontra n-nisa fis-soċjetà, imma wkoll joħolqu l-istess fatturi.

**Lingwa diskriminatorja**
Il-lingwa diskriminatorja tinkludi kliem, frażijiet u/jew karatteristiċi lingwistiċi oħra li jrawmu l-isterjotipi, li jumiljaw jew li jinjoraw lin-nisa jew lill-irġiel. Fl-estremità tagħha, il-lingwa diskriminatorja tonqos milli tqis il-ġeneri ndaqs fil-valur, id-dinjità, l-integrità u r-rispett.

**Lingwa inklużiva**
Il-lingwa inklużiva tfisser li nitkellmu u niktbu b'mod li ma jiddiskriminax kontra sess partikolari, kontra ġeneru soċjali jew identità tal-ġeneru, u ma tikkontribwix għall-isterjotipi tal-ġeneru. L-użu korrett tal-lingwa għandu rwol importanti fir-rappreżentazzjoni ġusta tan-nisa u l-irġiel u għall-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneru. Il-lingwa inklużiva tista' tinqasam fi tnejn:

**Lingwa sensittiva għall-ġeneru**: meta n-nisa u l-irġiel jiġu indirizzati bħala persuni ta' valur, dinjità, integrità u rispett ugwali billi jkun evitat lingwaġġ li jirreferi, b'mod espliċitu jew impliċitu, għal ġeneru wieħed biss u li jiżgura l-użu ta' lingwaġġ sensittiv għall-ġeneru b'alternattivi inklużivi.

**Lingwa newtrali għall-ġeneru**: lingwa li ma tispeċifika l-ebda ġeneru u li tqis lin-nies b'mod ġenerali, mingħajr referenza għan-nisa u l-irġiel. Tissejjaħ ukoll lingwa sensittiva għall-ġeneru. Il-lingwa newtrali tista' tkun xierqa f'xi kuntesti iżda mhix adattata għal meta jkun xieraq li jiġu enfasizzati l-ħtiġijiet u d-dubji differenti li jkollhom in-nisa u l-irġiel.

# Il-Format tal-Programmi

**Il-Preżentaturi u l-Ġurnalisti**

- Araw li jkollkom bilanċ fil-preżentaturi u l-ġurnalisti nisa u rġiel fil-programmi ta' diskussjoni, b'tali mod li jkunu rrappreżentati gruppi differenti tas-soċjetà.
- Qisu li l-età u d-dehra fiżika ma jkunux il-kriterji għall-għażla tal-preżentaturi u l-ġurnalisti, meta dawn ma jkunux rekwiżit ġenwin.
- Immiraw għal rappreżentanza ugwali tan-nisa u l-irġiel fost il-preżentaturi u l-ġurnalisti fi rwoli ewlenin u sekondarji.
- Allokaw l-istess ammont ta' ħin għall-preżentazzjoni u d-diskussjoni lill-preżentaturi u lill-ġurnalisti nisa u rġiel.
- Evitaw li tqassmu u tippreżentaw l-istejjer u r-rapporti min-nisa u l-irġiel b'mod sterjotipiku. Kemm il-preżentaturi u l-ġurnalisti nisa, kif ukoll irġiel, għandhom jippreżentaw suġġetti u oqsma li tradizzjonalment huma assoċjati mas-sess maskili jew femminili.

**Il-Mistednin u l-Persuni Intervistati**

- Araw li jkollkom bilanċ fil-preżentaturi u l-ġurnalisti nisa u rġiel fil-programmi ta' diskussjoni, b'tali mod li jkunu rrappreżentati gruppi differenti tas-soċjetà.
- Qisu li l-età u d-dehra fiżika ma jkunux il-kriterji għall-għażla tal-preżentaturi u l-ġurnalisti, meta dawn ma jkunux rekwiżit ġenwin.
- Immiraw għal rappreżentanza ugwali tan-nisa u l-irġiel mistednin fil-panels tad-diskussjoni u araw li l-mistednin nisa u l-mistednin irġiel jiġu ttrattati u murija b'mod ġust u bla sterjotipi.
- Fittxu li jkun hemm rappreżentanza ugwali tan-nisa u l-irġiel, mistednin u intervistati, bi rwoli ta' awtorità u b'għarfien espert.
- Qisu li n-nisa u l-irġiel mistednin u l-persuni intervistati jingħataw ħin indaqs biex jitkellmu.
- Araw li l-mistoqsijiet u r-reazzjonijiet tal-preżentaturi u l-ġurnalisti jwasslu valur u importanza ugwali għall-kontribuzzjonijiet tan-nisa u l-irġiel mistednin u intervistati.
- Aħdmu biex tiksru l-isterjotipi tal-ġeneru billi fil-programmi u fl-intervisti tagħkom tistiednu nisa bi rwoli f'impjiegi u bi rwoli soċjali li ġeneralment jintrabtu mal-irġiel, u rġiel bi rwoli f'impjiegi u bi rwoli soċjali li ġeneralment jintrabtu man-nisa.

**Is-Suġġetti u l-Lingwa**

- Applikaw perspettiva tal-ġeneru għas-suġġetti u l-oqsma kollha li jkunu se jiġu koperti matul il-programmi ta' diskussjoni billi taraw li n-nisa u l-irġiel ikunu rrappreżentati b'mod ġust u bla sterjotipi. Ikkunsidraw jekk is-suġġett jew il-qasam huwiex, impliċitament jew espliċitament, marbut ma' sterjotipi u ma' relazzjonijiet diskriminatorji ta' poter, u sfidaw dawn l-ideat.
- Araw li suġġetti li huma marbutin mal-ġeneru (bħall-vjolenza minħabba l-ġeneru u d-differenza ta' bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa) jiġu diskussi kif jixraq fil-programmi. Id-diskussjoni fuq suġġetti speċifiċi għall-ġeneru għandha tkun infurmata u preċiża, u għandu jsir kull sforz biex jiġu evitati rappreżentazzjonijiet ħżiena u trivjalizzazzjoni tas-suġġett, jew li jiġu skreditati dawk li jesperjenzaw xi għamla ta' diskriminazzjoni.
- Użaw lingwa u grafika inklużivi li jenfasizzaw kif jixraq il-ħtiġijiet, it-tħassib u l-esperjenzi differenti tan-nisa u l-irġiel.

**Il-Kuntest tal-Programm**

- Araw li jkollkom bilanċ fil-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fil-partijiet kollha tal-programmi ta' diskussjoni, kemm meta jsiru fl-istudio u kemm meta jsiru barra, inkluż fl-intervisti wiċċ imb wiċċ, fil-kollegamenti telefoniċi/bil-video, fil-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq il-kompetenzi tal-mistednin, fil-gruppi ta' diskussjoni, fix-xandiriet diretti, fl-udjenzi u fil-vox pops.
- Araw li n-nisa u l-irġiel jitpoġġew bilqiegħda jew f'post li jagħti viżibbiltà u importanza ugwali lit-tnejn.

# Il-Proċess tal-Produzzjoni

Għal rappreżentanza bilanċjata bejn is-sessi fil-livelli kollha tal-**proċess tal-produzzjoni** jeħtieġ li f'kull stadju jiġu indirizzati l-prinċipji fundamentali: min, x'inhu, meta, fejn, għaliex u kif. Barra minn hekk, hu meħtieġ jingħata taħriġ adekwat biex titqajjem kuxjenza dwar l-aspett tal-sessi u li jintalab parir mill-partijiet interessati involuti b'risq l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-kontenut tal-midja jrid jiġi diskuss fil-livelli kollha tal-proċess tal-produzzjoni b'tali mod li jkun hemm bilanċ bejn is-sessi.

Din it-taqsima tikkonsisti f'ħarsa ġenerali lejn l-istadji involuti fil-Proċess tal-Produzzjoni. Tipprovdi wkoll ċekkjatura (checklist) li għandha tintuża mill-partijiet interessati fl-istadji kollha tal-produzzjoni. Għalkemm din iċ-ċekkjatura (checklist) ma tidħolx fid-dettalji kollha, tista' tgħin biex ittejjeb ir-rappreżentanza tas-sessi fil-mezzi tal-midja.

**Qabel il-Produzzjoni**: dan huwa l-perjodu tal-ippjanar u t-tħejjija tal-produzzjoni, tal-għażla tas-suġġett u tat-temi li għandhom jiġu diskussi, u tal-format li għandu jintuża.

- Irriċerka sew is-suġġett, it-temi u n-nies involuti fil-programm ta' diskussjoni u kkunsidra r-rappreżentanza ġusta bejn is-sessi.

**Il-Produzzjoni**: dan hu l-mod kif is-suġġett/temi jkunu se jiġu indirizzati – mil-lat viżiv u tal-kontenut – u l-mod kif tiżviluppa d-diskussjoni matul il-programm.

- Għall-proċess tal-produzzjoni, ikkunsidra kif jitqies il-ġeneru mit-taqsima maniġerjali tal-istazzjon.
- Imxi mal-istandards professjonali relevanti, inklużi dawk imfassla kontra d-diskriminazzjoni u l-isterjotipi biex jippromwovu l-ugwaljanza tas-sessi.

**Wara l-Produzzjoni**: dan l-istadju jibda meta jitlesta l-iffilmjar, mal-editjar tal-materjal viżiv u awdjo.

- Ara li jkun hemm rappreżentazzjoni ġusta tas-sessi meta tkunu qed taqtgħu u tgħaqqdu l-filmati mhux ipproċessati, meta żżidu l-mużika, u meta jsir id-doppjaġġ (dubbing).

**L-Editjar**: dan jiġi wara l-istadju tar-reġistrazzjoni/produzzjoni meta l-intervisti u l-ħsejjes jerġgħu jinstemgħu biex jintgħażlu l-aħjar biċċiet.

- Qis li s-siltiet awdjoviżivi li jiżdiedu jkunu editjati ħalli fid-diskussjoni ma jissemmewx sterjotipi u n-nisa u l-irġiel jintwerew b'mod ugwali.
- Agħti l-istess attenzjoni u importanza lill-fehmiet tal-irġiel u n-nisa; alloka biżżejjed ħin kemm għall-kontribuzzjonijiet tal-irġiel u kemm għal tan-nisa.

**L-Intervisti**: il-kapaċità tal-komunikazzjoni jew li jsiru mistoqsijiet lil xi ħadd biex tinkiseb l-informazzjoni.

- Ara li l-persuni involuti, bħall-ġurnalisti jew il-preżentaturi, ikunu magħrufin u fdati.

**Il-Programm/ix-Xandira**: dan huwa l-programm attwali li jkun qed jixxandar.

- Ippreżenta l-programm lill-kapijiet/preżentaturi għall-approvazzjoni u għal kwalunkwe kumment jew osservazzjoni li tista' tgħin biex il-programm jittejjeb qabel ma jixxandar.
- Iggarantixxi li l-kontenut tal-promozzjonijiet tal-programm u l-iskedar tiegħu jkunu jirriflettu xenarju bilanċjat tal-irġiel u n-nisa.

**Is-Sorveljanza u l-Evalwazzjoni**: dawn l-għodod jistgħu jkejlu l-impatt (pożittiv u/jew negattiv) tal-ħin/spazju tal-programm/xandira fuq il-komunità, inkluż l-effett fuq l-attitudnijiet, l-imġiba u l-għarfien, u fuq l-ambjent soċjoekonomiku.

- Issorvelja u evalwa l-impatt tal-programm billi tanalizzah, tfasslu mill-ġdid, jew ittejbu/taġġustah teknikament kif ikun meħtieġ.

**Post-mortem**: l-istadju ta' wara li jixxandar il-programm li fih issir eżaminazzjoni jew diskussjoni għal titjib.

- Il-fażi tal-post-mortem tal-programm imxandar agħmilha mal-produtturi u mal-edituri tal-ġeneru tal-midja awdjoviżiva.

# L-Immaniġġjar

Kunċett importanti ieħor li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-mod li bih jitqiesu s-sessi fi ħdan l-istruttura tal-immaniġġjar tal-fornitur tas-servizzi tal-midja, mhux biss min huwa involut fil-format tal-programm jew fil-proċess tal-produzzjoni, imma wkoll mil-lat tar-riżorsi umani.

- In-nisa u l-irġiel għandhom jiġu ttrattati dejjem indaqs matul ir-reklutaġġ, fit-taħriġ, fir-remunerazzjoni, fil-promozzjoni u fi kwalunkwe kundizzjoni oħra ta' impjieg fl-industrija tal-midja.
- In-nisa għandhom jiġu mħeġġa jokkupaw karigi superviżorji u maniġerjali.
- Għandu jkun hemm parteċipazzjoni bilanċjata tan-nisa u l-irġiel f'pożizzjonijiet għolja li fihom jittieħdu d-deċiżjonijiet, inklużi fl-immaniġġjar, fil-programmar, fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fir-riċerka, u fil-kontroll tal-kwalità. Jista' jkun hemm parteċipazzjoni bilanċjata b'diversi modi, ngħidu aħna b'ambjent tax-xogħol flessibbli, b'valutazzjoni ġusta tax-xogħol tan-nisa, bi kriterji għall-promozzjonijiet/reklutaġġ li jqisu l-esperjenzi u l-kapaċitajiet differenti tan-nisa u l-irġiel u b'dokumenti ta' politika interni dwar l-ugwaljanza.
- In-nisa għandhom ikunu involuti fil-proċessi tat-tfassil, editorjali u tad-distribuzzjoni tal-midja.
- Għandha titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fil-pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-midja, fil-kontenut, u għandu jkun imħeġġeġ ukoll l-użu ta' databases b'listi ta' nisa esperti fl-oqsma kollha tal-ħajja.
- L-organizzazzjonijiet tal-midja għandhom jadottaw azzjonijiet pożittivi li jittieħdu minn min iħaddem biex jindirizzaw l-iżbilanċ ta' bejn l-irġiel u n-nisa ħalli jsaħħu l-ugwaljanza, speċjalment fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tas-servizzi tekniċi.
- Għandha ssir ukoll konsultazzjoni ma' partijiet interessati oħra dwar dan.

# Konklużjoni

M'hemm l-ebda tweġiba sempliċi għar-rappreżentanza realistika tal-ġeneri fil-programmi ta' diskussjoni, imma l-ġeneru jibqa' aspett li jeħtieġ l-attenzjoni ta' kulħadd. Dawk kollha involuti għandhom jaħdmu għal rappreżentanza bilanċjata. Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jżidu l-kuxjenza u jgħinu biex jitnaqqsu d-diskrepanzi koroh fil-bilanċ bejn is-sessi fil-mezzi lokali tal-midja billi jfiehmu aħjar it-terminoloġija relatata għal espożizzjoni u rappreżentazzjoni aħjar tal-ġeneri. B'hekk titkattar il-parteċipazzjoni tan-nisa fit-taħditiet u d-diskussjonijiet li jixxandru u tkun imħarsa d-dinjità u l-integrità tagħhom.

Dawn il-linji gwida huma mmirati għall-programmi ta' diskussjoni, imma jistgħu japplikaw għall-ġeneri kollha tal-programmi u għal pjattaformi differenti ta' midja. Għalkemm mhumiex eżawrjenti, jistgħu jgħinu biex titqanqal il-bidla fil-kultura għax tfasslu b'risq soċjetà ġusta bilanċjata u inklużiva. Jekk il-partijiet interessati kollha jkunu lesti jiġbdu l-istess ħabel, irrispettivament mill-pass tagħhom biex jagħmlu dan l-isforz, jistgħu jikkontribwixxu biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fir-rappreżentanza tal-ġeneru fil-mezzi kollha tal-midja u għall-ugwaljanza bejn is-sessi fis-soċjetà. Ir-rappreżentanza ġusta tal-ġeneri hija aspirazzjoni professjonali u etika li tista' tinkiseb bl-istadji elenkati u spjegati f'dawn il-linji gwida.

**ĦOLOQ UTLI:**

*Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza:* https://ncpe.gov.mt/en/Pages/NCPE_Home.aspx
*Id-Direttorju tan-Nisa Professjonali:* https://ncpe.gov.mt/en/Pages/Directory/Search.aspx
*Il-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa:* http://www.ncwmalta.com/home?l=1
*Malta Women's Lobby:* https://mcwo.net

# Iċ-Ċekkjatura (Checklist)

| L-Istadju tal-Produzzjoni | Mistoqsijiet u Suġġerimenti |
|---|---|
| **Qabel il-Produzzjoni** | • Is-suġġett huwa ta' interess għall-irġiel/nisa?<br>• X'inhuma l-konklużjonijiet tal-analiżi tal-ġeneru b'rabta mat-tema u l-kuntest?<br>• Liema hu l-aħjar mod li bih jista' jitfassal u jiġi diskuss is-suġġett mal-irġiel/nisa?<br>• X'opinjonijiet għandhom, fil-biċċa l-kbira, l-irġiel jew in-nisa dwar is-suġġett?<br>• Agħżel suġġetti ta' interess għaż-żewġ gruppi ħalli jkun hemm bilanċ tajjeb fil-preferenzi ta' setturi ta' udjenza varji. |
| **Il-Produzzjoni** | • Ikun aħjar li nitkellmu mal-irġiel u n-nisa fl-istess ħin, jew separatament?<br>• Liema hu l-aħjar mod li bih nistgħu niddiskutu suġġett fil-każ ta' raġel/mara?<br>• Qis is-sensittività u l-perspettiva kemm tal-irġiel u kemm tan-nisa.<br>• Ibbilanċja l-esperjenzi tal-irġiel u n-nisa fix-xandir.<br>• Uża lingwa inklużiva li tinkludi kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa.<br>• Evita li tuża aġġettivi irrelevanti jew li jsaħħu l-isterjotipi tal-ġeneru.<br>• L-istampi/grafika jew l-illustrazzjonijiet użati jikkontradixxu l-kontenut jew iwasslu lill-pubbliku biex jifhem il-kontenut tal-istorja differenti? |
| **L-Editjar** | • Evita li tirriproduċi grafika jew sterjotipi negattivi.<br>• Ippreżenta l-informazzjoni b'tali mod li kemm l-irġiel u kemm in-nisa jsibuha interessanti għalihom.<br>• Evita li tippreżenta l-interessi ta' xi wħud bħala theddida għall-oħrajn.<br>• Agħżel mużika fade-in li tippromwovi u tirrappreżenta l-irġiel u n-nisa flimkien.<br>• Ippromwovi stampa pożittiva tan-nisa bħala parteċipanti attivi fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika, u stampa pożittiva tal-irġiel fi rwoli mhux tradizzjonali, ngħidu aħna, li jindukraw u f'impjiegi tradizzjonalment marbutin man-nisa. |
| **L-Intervisti** | • Ikun aħjar li tkellem lill-irġiel u n-nisa fl-istess ħin, jew separatament?<br>• Liema hu l-aħjar mod li bih nistgħu niddiskutu suġġett fil-każ ta' raġel/mara?<br>• Qis is-sensittività u l-opinjonijiet tal-irġiel u tan-nisa.<br>• Ibbilanċja l-esperjenzi tal-irġiel u tan-nisa fix-xandira.<br>• Ara li jkun hemm bilanċ bejn l-irġiel u n-nisa intervistati billi tiddetermina min l-aħjar iwieġeb il-mistoqsijiet dwar it-tema magħżula.<br>• Importanti li jitqiesu s-sensittivitajiet kulturali. |
| **Il-Programm/Xandira** | • Agħti l-istess attenzjoni u qis il-fehmiet tal-irġiel u tan-nisa bl-istess mod.<br>• Alloka l-istess ammont ta' ħin għall-opinjonijiet tan-nisa u tal-irġiel.<br>• Evita li tirriproduċi stampa negattivi jew sterjotipi oħra tal-ġeneru.<br>• Ippreżenta l-informazzjoni b'tali mod li kemm l-irġiel u kemm in-nisa jsibuha interessanti.<br>• Tippreżentax l-interessi ta' xi wħud bħala theddida għall-oħrajn.<br>• L-iskeda tal-programmi se takkomoda lill-irġiel u lin-nisa?<br>• Itlob li jintwera rispett reċiproku bejn il-parteċipanti rġiel u nisa.<br>• Qis li l-ħin disponibbli jintuża b'mod ġust u li la l-irġiel u lanqas in-nisa ma jitħallew jiddominaw id-diskussjoni.<br>• Messaġġi li jqajmu l-kuxjenza joffru opportunità mill-aqwa biex tiżdied l-informazzjoni dwar il-ġeneru u biex jinxteħet dawl fuq suġġetti li jistgħu jkunu sensittivi.<br>• Ftakar li m'għandekx tagħżel l-isterjotipi meta jkollok bżonn twassal messaġġi qosra. |
| **Is-Sorveljanza u l-Evalwazzjoni** | • Kemm l-irġiel u kemm in-nisa tkellmu matul ix-xandira?<br>• Il-produzzjoni offriet rappreżentazzjoni ġusta tas-sessi?<br>• X'kienu r-reazzjonijiet tal-irġiel u n-nisa? Hemm differenza bejniethom?<br>• L-udjenza kif wasslet ir-reazzjoni tagħha?<br>• L-anonimità tista' tinżamm?<br>• Sar moniteraġġ regolari tad-disponibbiltà tal-kontenut skont il-ġeneru jew skont l-individwi ewlenin tal-kontenut, b'mod partikolari fl-iskeda tal-programmi u fil-pjattaformi on-demand? |
| **Wara l-Produzzjoni** | • Qis li l-programm ma jkun fih l-ebda element li ma jkunx sensittiv għall-ġeneru.<br>• Assenja raġel u mara biex joqogħdu attenti għal dan il-punt meta jaraw/jisimgħu l-programm.<br>• Aċċerta ruħek li l-ġeneru jkun ġie kkunsidrat fl-istadji kollha tal-produzzjoni. |
| **Post-Mortem** | • X'reazzjoni waslet u mingħand min?<br>• X'mar tajjeb u x'ma marx daqstant tajjeb?<br>• Għaliex: minħabba reazzjonijiet femminili/maskili jew in-nuqqas tagħhom?<br>• Ir-reazzjonijiet kienu preġudikati favur ġeneru wieħed?<br>• Kif jista' jiġi indirizzat dan il-punt fil-programm li jmiss? |